MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 932/2000/1

**Alfred u Catherine konjugi Mallia**

**v.**

**Raymond Bajada ezercenti l-kummerc bhala Casa Design**

## Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Raymond Bajada mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Frar 2010 li permezz tieghu qed jitlob lil din il-Qorti tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata

u terga' tibghat l-atti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex tisma' l-kawza mill-gdid u in subdsidium tvarja s-sentenza msemmija billi tillikiwidalu somma akbar li kellu jiehu minghand l-atturi u jkun hemm ukoll temperament fil-kap tal-ispejjez.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghdha tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"Din il-kawza hija dwar appalt illi l-atturi temmew ghax il-konvenut ma lestiex ix-xoghlijiet skond il-ftehim ta' bejniethom.

"L-atturi talbu illi l-qorti (1) tghid illi huma temmew l-appalt ghal raguni li tiswa; (2) tghid illi huma kienu ghamlu hlas lill-konvenut ta' tlitt elef, tmien mija u tnejn u hamsin lira (Lm3,852) – daqs tmint elef, disa' mija u tnejn u sebghin euro u hamsa u sebghin ċentezmu (€8,972.75) – akkont tal-prezz tal-appalt; (3) tillikwida d-danni li garrbu huma minhabba n-nuqqas tal-konvenut li jwettaq il-ftehim; (4) tillikwida l-valur tal-utilità ghalihom tax-xoghol li ghamel il-konvenut; u (5) tikkundanna lill-konvenut irodd dak li thallas zejjed.

"B'sentenza moghtija fit-12 t'Ottubru 2007, fejn huma mfissra ahjar it-talbiet tal-atturi, il-premessi tat-talbiet, u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, il-qorti kienet sabet illi x-xoghol maghmul mill-konvenut ma huwiex komplut u illi l-atturi kienu hallsu akkont is-somma msemmija fit-tieni talba. Ghall-ghanijiet tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet hatret perit tekniku sabiex (a) jillikwida l-ispejjez u l-valur tax-xoghol – wara li jqis ukoll l-utilità tax-xoghol u ta' l-ispejjez ghall-atturi, u d-danni li garrbu, skond l-art. 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili – ta' dawk il-partijiet tal-appalt li ma tlestewx; u (b) ighid x'inhu l-hlas li jmiss lill-konvenut skond il-ftehim, meqjus ukoll il-qligh, tal-partijiet ta' l-appalt li twettqu.

"Il-perit irrelata li, wara li qies il-fatturi kollha indikati lilu fid-dikriet tal-hatra, huwa tal-fehma illi ghax-xoghol kollu li ghamel il-konvenut jisthoqqlu hlas ta' elfejn, sitt mija u

tmienja u sittin lira (Lm2,668) – daqs sitt elef, mitejn u erbatax-il euro u sebgha u sebghin ċentezmu (€6,214.77) – maghduda t-taxxa fuq il-valur mizjud.

"Il-qorti qieset il-mistoqsijiet maghmula lill-perit ghall-eskussjoni, it-twegibiet tal-perit u l-osservazzjonjiet bil-kitba u bil-fomm tal-partijiet, u hija tal-fehma illi ghandha toqghod fuq il-konkluzjonijiet tekniċi tal-perit, li huma fil-kompetenza tieghu li jaghmilhom u li huma motivati b'ragunijiet tekniċi tajba.

"Ghalhekk taqta' l-kawza u tipprovdi dwar it-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi billi tghid illi, meqjusa d-danni li garrbu l-atturi talli temmew l-appalt ghal raguni tajba u meqjusa wkoll l-utilità tax-xoghlijiet maghmula mill-konvenut, il-konvenut jisthoqqlu hlas ta' sitt elef, mitejn u erbatax-il euro u sebgha u sebghin ċentezmu (€6,214.77). Billi l-konvenut thallas tmint elef, disa' mija u tnejn u sebghin euro u hamsa u sebghin ċentezmu (€8,972.75) akkont, tipprovdi dwar il-hames talba billi tikkundanna lill-konvenut irodd elfejn, seba' mija u sebgha u hamsin lira u tmienja u disghin ċentezmu (€2,757.98), flimkien mal-imghaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

"Tikkundanna lill-konvenut ihallas ukoll l-ispejjez tal-kawza."

**Risposta tal-appell tal-atturi:**

L-atturi konjugi Mallia wiegbu biex jghidu li s-sentenza ppronunzjata mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

**Dwar l-ewwel aggravju:**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa fis-sens li s-sentenza appellata nieqsa mill-elementi necessarji taghha u allura hija nulla u ghandha konsegwentement tithassar ghal kollox.

Huwa minnu illi jekk wiehed jiehu s-sentenza appellata wahedha li din tidher nieqsa minn motivazzjoni

madanakollu dan mhux il-kaz ghaliex din is-sentenza segwiet sentenza precedenti illi fiha l-motivazzjonijiet kollha necessarji; f'dik is-sentenza l-Qorti sabet li t-talba tal-atturi kienet gustifikata u nnominat perit tekniku biex jillikwida l-ammont li kellu jithallas il-konvenut ghax-xoghol illi effettivament ghamel skont l-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili; ghalhekk kull ma kellha taghmel is-sentenza finali kienet illi tillikwida dak l-ammont u tordna l-hlas. Ma jidhirx li kien hemm ghalfejn aktar tul biex tispjega r-ragunijiet wara d-decizjoni taghha ghaliex dawk kienu gia` hemmhekk fl-ewwel sentenza. Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx l-ilment tal-appellant gustifikat f'dan ir-rigward.

**<u>Dwar l-aggravji l-ohra:</u>**

Wiehed jista' jghid li l-aggravji l-ohra huma fir-rigward tal-fatt li l-Qorti addotat *in toto* r-rapport peritali, illi skont l-appellanti kien zbaljat f'hafna kazi. Minhabba li dawn l-aggravji huma konsiderevoli jkun tajjeb illi din il-Qorti tirriproducihom kollha:

" - - Omississ - -

"2.2. L-ewwel zball ovvju tal-perit tekniku u konsegwentament tal-ewwel Onorabbli Qorti huwa illi I-imsemmi perit irrelata fuq iI-"window frame" illi I-esponenti ghamel ghall-atturi appellati meta I-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza taghha ta' nhar it-12 ta' Ottubru, 2007, ma hatritux sabiex jirrelata dwar ix-xoghol tal-"window frame".

"2.3. Dan peress illi fis-sentenza taghha ta' nhar it-12 ta' Ottubru, 2007 I-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet illi x-xoghol moghti b'appalt mill-atturi appellati Iill-konvenut ma huwiex komplut dwar il-bieb ta' barra, il-bank tal-kcina u l-poggaman. Xejn ma issemma dwar il-"windowframe" u kwindi lanqas gie deciz illi x-xoghol fir-rigward ta' I-istess ma kienx komplut u konsegwentament ukoll ma kienx hemm il-htiega illi I-perit tekniku jirrelata dwar dan I-aspett;

“2.4. Minkejja dan kollu u minkejja illi dana l-fatt ingab a formali konjizzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti espressament fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-ewwel Onorabbli Qorti injorat ghal kollox din il-kwistjoni u ghaddiet biex tat sentenza illi tirreplika l-izball tal-perit tekniku;

“2.5. Fit-tieni lok, l-esponenti qieghed jappella wkoll mis-sejbien ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u konsegwentament ukoll tal-perizja tal-perit tekniku Mario Cassar ghal dak illi jirrigwarda il-bieb ta' barra u l-bank tal-kcina u dana in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti naqset ghal kollox milli tiehu in kunsiderazzjoni s-sottomissjonijiet illi saru mill-esponenti u kwindi ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti ma ndunatx bi zbalji fundamentali fir-rapport tal-perit tekniku;

“2.6. In succint fir-relazzjoni tieghu ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2008, il-perit tekniku Mario Cassar irrelata illi minn Lm 500, ossija, l-ammont ta' l-istima tal-bieb ta' barra illi l-esponenti ghamel ghall-atturi appellati, il-profitt ikun ta' madwar 17.5% u li ghalhekk dan ghandu jitnaqqas mill-ammont ta' Lm 500;

“2.7. Dan imur kontra l-prospett dettaljat ipprezentat mill-esponenti a fol. 95 et seq. tal-process (senjatament a fol. 97) billi l-ammont illi l-perit tekniku naqqas bhala "profitt" jeccedi l-profitt ta' Lm40 illi kien ser jaghmel l-esponenti;

“2.8. Manifestament dan mhuwiex gust u mhuwiex ekwu tenut kont tal-fatt - kif rilevat fin-nota ta' sotomissjonijiet ipprezentata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti - illi l-periti teknici kollha, inkluzi dawk perizjuri, mahtura qabel l-ghoti tas-sentenza ta' nhar it-12 ta' Ottubru, 2007, jikkonfermaw illi l-bieb ta' barra huwa tajjeb, mahdum skond is-sengha u l-arti, ta' kwalita tajba izda illi hemm xi affarijiet zghar bhal per ezernpju xkatlar illi jonqos illi jsiru[1];

---

[1] Vide l-perizja tal-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti a fol. 38 et seq. tal-process tal-kawza bin-numru tac-citazzjoni 2189/2000/GCD fl-ismijiet inversi kif ukoll ir-relazzjoni tal-periti perizjuri a fol. 140 et seq tal-process

“2.9. Ghalhekk l-esponenti jsostni illi huwa mhux biss ma kellux jigi mcahhad mill-profitt illi kien ser jippercepixxi izda ma kellux in ogni kaz jigi mcahhad minn somma li attwalment teccedi l-profitt illi kien ser jaghmel l-esponenti b'mod illi huwa spicca illi jbaghti anke l-ispejjez illi ghamel;

“2.10. Fil-prospett hawn fuq imsemmi hemm referenza wkoll ghall-"invoices" relattivi li juru illi l-prospett ipprezentat mill-esponenti huwa wiehed veritier u illi ghalhekk il-perit tekniku ma kellu ebda raguni valida sabiex jiddipartixxi minnu;

“2.11 Dana kollu gja ingab a konjizzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li izda minkejja kollox ghazlet illi tinjora b'mod assolut is-sottomissjonijiet f'dan is-sens ta' l-esponenti u dana minkejja illi fis-sentenza taghha l-ewwel Onorabbli Qorti tghid illi qieset is-sottomissjonijiet kollha;

“2.12. Kunsiderazzjoni fundamentali ohra hija illi n-nuqqas ta' xkatlar jew finituri tal-bieb ta' barra tal-fond ta' l-atturi appellati ma jiffurmax parti mill-ilmenti imressqa mill-atturi appellati u ghalhekk lanqas jifforma mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk jekk skond it-teknici kollha mahtura il-bieb ta' barra ta' l-atturi inhadem skond is-sengha u l-arti u l-unika nuqqas huwa xi haga li l-atturi appellati ma lmentawx dwarha, x'raguni hemm illi l-esponenti jigi penalizzat b'mod tali illi mhux biss jitlef il-profitt izda anke parti mill-kapital minnu mahrug ghall-ispejjez u xiri ta' injam?

“2.13. Maghdud ma' dan kollu, hemm il-fatt inkonfutabbli l-iehor illi la l-perit tekniku u lanqas l-ewwel Onorabbli Qorti ma qiesu l-utilita tal-bleb ta' barra ghall-atturi. L-esponenti jissottometti illi gjaladarba l-atturi appellati baqghu jaghmlu uzu minn dan il-bieb, tant in-nuqqas kien zghir - illi wiehed jista' jqisu bhala kaz fejn tapplika l-massima *de minimis non curat praetor* - dan il-fattur kellu jittiehed in kunsiderazzjoni wkoll mill-ewwel Onorabbli Qorti. Fil-

fehma ta' l-esponenti dan il-fattur huwa krucjali illi juri wkoll kif l-atturi appellati ma garrbu ebda dannu kwalsijasi b'dan in-nuqqas minimu. Id-danni fil-fatt la gew allegati wisq anqas ippruvati;

“2.14. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, ma kien hemm ebda raguni la teknika u lanqas legali sabiex twassal illi l-esponenti jigi imcahhad mhux biss mill-profitt izda wkoll minn parti mill-ispejjez u l-valur tax-xoghol;

“2.15. F'dan ir-rigward, l-esponenti jirrileva illi gie ritenut mill-Qrati taghna illi: *Jekk il-kuntratt jinhall ghal raguni tajba, min jaghti x-xoghol huwa obbligat ihallas lil/-appaltatur biss il-prezz tal-materjal li jkun intuza fix-xoghol li jkun lahaq gie konsenjat lil, u mizmum minn, min jaghti x-xoghol, liema prezz jithallas ukoll minn xi hlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil-quddiem lill-appaltatur. Dan ghandu, min-naha tieghu, irodd lura lil min qabbdu jaghmel ix-xoghol dik il-parti mis-somma mhallsa lilu bil-quddiem li tkun tisboq il-prezz tax-xoghol li lahaq sar u l-materjal uzat u moghti lill-appaltant*[2]*;*

“2.16. lmbaghad fil-kawza fl-ismijiet <u>Fredrick Micallef et *v.* Mary Sullivan</u> gja ikkwotata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti gie ritenut illi ladarba l-oggett maghmul mill-kuntrattur ikun inzamm u intuza, ma jistax min jaghti x-xoghol jirrifjuta illi jwettaq l-obbligu tieghu ta' hlas. Is-sitwazzjoni tkun differenti kieku dak illi jaghti ix-xoghol jiddepozita l-oggett in disputa taht l-awtorita` tal-Qorti, haga din, illi l-atturi appellati certament ma ghamlux;

“2.17. Ghaldaqstant l-esponenti jissotometti illi fir-rigward tal-bleb ta' barra, huwa ghandu jithallas l-ammont fl-intier tieghu skond l-istima u illi in ogni kaz, kwalunkwe tnaqqis, semmai kellu jkun minimu bhan-nuqqasijiet riskontrati, u certament mhux ta' 17.5%;

---

[2] **Alcasons & Co Ltd noe v. Tigne Development Company Limited noe** deciza nhar it-28 ta’ Lulju, 2004 mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Cit. Nru. 1425/1999/JRM).

"2.18. Fit-tielet lok, l-esponenti jhoss ruhu aggravat ukoll f'dak illi jirrigwada d-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti in kwantu din tikkoncerna l-bank tal-kcina mahdum minnu;

"2.19. Skond il-prospett ipprezentat mill-esponenti, senjatament a fol. 96 tal-process, jirrizulta illi l-kcina giet stmata illi tiswa Lm2,000, li minnhom Lm 150 biss huma profit. Dan il-prospett huwa korroborat minn "invoices" u ricevuti illi wkoll gew ezebiti u fl-ebda mument ma gie ikkontestat;

"2.20. Il-perit tekniku, fir-relazzjoni tieghu jghid illi l-istima ta' Lm 2,000 hija *fair and reasonable* pero illi l-profitt ta' Lm 150 x'aktarx kien ta' Lm 300. L-esponenti ma jistax jifhem din il-konkluzjoni ghaliex huwa gab il-provi kollha mehtiega sabiex juri illi l-ispejjez u x-xoghol tieghu kienu ser ihallu il-profitt minnu indikat u mhux aktar;

"2.21. Kien ghalhekk illi l-esponenti issottometta quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti illi Hija ghandha tiddiskosta ruhha minn dan l-aspett tar-relazzjoni peritali illi bhal kull prova ohra tista' tigi skartata ghal ragunijiet gustifikati;

"2.22. Minkejja dan u minkejja l-fatturi u ricevuti ezebiti mill-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti, minghajr ma ikkunsidrat dawn id-dokumenti, jew almenu tat l-icken hjiel ghaliex il-kontenut taghhom ghandu jigi iddubitat, iddecidiet illi hija ghandha toqghod fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku;

"2.23. Bir-rispett kollu, l-esponenti jirrileva illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx taqbad u tiskarta l-provi kollha prodotti, tistrieh esklussivament fuq ir-relazzjoni peritali u ma tqisx lanqas jekk l-atturi appellati sofrewx xi danni u l-utilita illi ghandha l-kcina *de quo.* F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometti illi l-atturi appellati ma sofrew ebda danni u l-utilita ghalihom tal-kcina *de quo* hija ovvja peress illi huma baqghu juzawha. Mhux talli hekk talli irrizulta wkoll illi l-

atturi appellati ksew il-bank tal-kcina bil-granit u hawn l-esponenti jistaqsi kemm huma kredibbli l-atturi appellati meta jghidu illi x-xoghol ma sarx tajjeb imma fl-istess hin komplew jonfqu l-flus fuqu u sahansitra jwahhlu l-granit;

“2.24. Ghal dawn ir-ragunijiet il-konkluzjoni tal-perit tekniku adottata mill-ewwel Onorabbli Qorti illi jitnaqqaslu l-profitt ghal darbtejn (Lm 300) certament mhijiex gustifikata;

“2.25. Illi mbaghad fl-ahhar lok, hemm il-kwistjoni l-ohra illi fil-perjodu meta l-esponenti ikkwota l-prezzijiet u hareg l-istima tax-xoghol tieghu, kienet vigenti t-tassazzjoni tas-CET (bir-rata ta' 5%), u mhux dik tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (bir-rata ta' 18%). Madanakollu, il-perit tekniku ikkonkluda illi d-deduzzjonijiet maghmula minnu kellhom ukoll jinkludu t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mhux is-CET. Din hija kostatazzjoni ohra ta' pregudizzju ghall-esponenti illi wkoll ingabet a konjizzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li minkejja dan giet injorata kompletament;

“ - - Omississ - - “

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>:**

Ghandu jinghad illi normalment, il-Qorti fuq l-iskorta ta’ diversi sentenzi ma jkollhiex ghalfejn ma tadottax u ma taghmilx taghha l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-appell fil-kawza deciza fit-23 ta’Gunju 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et:**

*“... ... ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu ‘il giudizio del’ arte’ espress mit- tekniku ma jistghux u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghitja b’ talba ta’ nomina ta’ periti addizjonali, jigi skartat facilment, ammenokke’ ma*

*jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli.”* (Ara ukoll **Josephine Micallef v. Louis Zammit,** deciza fil-11 ta’ Ottubru 2010 mill-Prim` Awla).

Madankollu ghalkemm dan l-insenjament japplika ghal hafna mill-aggravji fuq imsemmija, hemm zewg ilmenti li din il-Qorti jidrilha gustifikati. Is-sentenza tat-12 ta’ Ottubru 2007 inkarigat lill-perit tekniku biex jillikwida l-ispejjez u l-valur tax-xoghol – wara li jqis l-utilita` tax-xoghol u tal-ispejjez ghall-atturi u d-danni li garrbu skont l-Artikolu 1640 (2) tal-Kodici Civili – tal-bieb ta’ barra u tal-bank tal-kcina; u jghid x’inhu l-hlas li jmiss lill-konvenut, meqjus ukoll il-qliegh tal-partijiet tal-appalt li twettqu. Il-Qorti ordnat ukoll li c-cumbini tal-poggaman u kull parti ohra li giet konsenjata lil-atturi tigi konsenjata lil-konvenut. Din l-ordni tidher li giet esegwita. Ghal bqija, il-perit tekniku kellu jirrestringi ruhu ghal likwidazzjoni tal-ammonti dovuti lill-attur ghal bieb ta’ barra u tal-bank tal-kcina. Dan ghamlu u ma hemmx kwistjoni li l-Qorti tiddisturba l-konkluzjonijiet teknici tieghu salv aspett zghir li jigi diskuss aktar ’il quddiem.  Madanakollu fir-rapport inkluda wkoll il-*window frame* li ma ssemietx fis-sentenza; dak l-ammont ma kellu jkollu ebda tnaqqis u kwindi l-attur kellu jiehu s-somma kollha ta’ mija u hamsa u sittin Liri Maltin (Lm165) u mhux mija u tlieta u erbghin Liri Maltin (Lm143). Il-Qorti jidrilha wkoll li ghandha tilqa’ l-aggravju fir-rigward tal-profitt li kellu jaghmel il-konvenut fir-rigward tal-kcina; ghalkemm il-perit seta’ kellu raguni ghaliex jiddubita mill-ammont, id-dokumenti juru li l-qliegh kien ta’ mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) u mhux tliet mija Liri Maltin (Lm300).

Ghalhekk b’kollox l-attur ghandu jiehu mija u tnejn u sebghin Liri Maltin (Lm172) illum erba’ mitt Euro u sitta u sebghin centezmi (€400.76) aktar minn dak indikat fir-rapport u fis-sentenza. Aggravji ohra mhumiex gustifikati ghaliex il-Qorti kif gia` nghad, ma ghandhiex tiddisturba konkluzjoniet teknici hlief fic-cirkostanzi eccezzjonali indikati aktar qabel li f’dan il-kaz ma jezistux.

Kwantu ghal-ilment tal-appellant li l-istima tieghu saret taht regim fiskali differenti, ghalkemm dan jista' jkun storikament korrett, dan mhux sorrett minn ebda dokument prodott fil-kors tal-kawza u l-Qorti ma tarax kif ghandha tilqa' l-aggravju minghajr ebda prova disponibbli.

**<u>Spejjez tal-Kawza</u>**

L-appellant ilmenta wkoll dwar l-akkollament lilu tal-ispejjez kollha tal-kawza. Madanakollu l-Qorti ma jidriliex li hemm raguni biex tmiss din il-parti tas-sentenza ghaliex it-talbiet attrici gew akkolti kollha u l-atturi ma talbu ebda somma fissa izda danni *da liquidarsi*. Peress li din il-Qorti se tilqa' parzjalment l-appell u se tvarja s-sentenza appellata b'ammont ta' cirka $^{1}/_{7}$ minn dak likwidat mill-ewwel Qorti, hija se tordna li l-ispejjez tal-appell jinqasmu f'dik il-proporzjon.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu biss fis-sens li tordna lill-konvenut ihallas lura lill-atturi s-somma ta' elfejn, tliet mija u sebgha u hamsin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€2,357.22) minflok dik likwidata mill-ewwel Qorti; tichdu fil-kumplament tieghu u kwindi eccetto ghal dak li ssemma', tikkonferma l-istess sentenza appellata; tordna li l-ispejjez tal-appell jigu mhallsa kwantu ghal $^{1}/_{7}$ mill-atturi appellati u $^{6}/_{7}$ mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------